

No. 13 - March 2020

# MDINA PARISH CHURCH

**Metropolitan Cathedral of Saint Paul**
4/5, Saint Paul's Square, Mdina MDN 1100, Malta.
Office Tel: 2145 6620 • Cathedral Tel: 2145 4136
Email: parrocca.mdina@maltadiocese.org

## "CHRISTIAN LIVE UP TO YOUR NAME!"

In their Pastoral letter, the Bishops referred to Pope Francis' visit to Malta as a grace to help us Maltese to strengthen our faith in the living Christ. We have started Lent in preparation for Easter. Easter which entered in humanity's life once. Easter offers hope to humanity by opening new visions and horizons. It is not a feast which happens only every calendar year. But throughout its commemoration it calls us to live, also at times of darkness.

Pope Francis in his post synod Apostolic Exhortation "Christus Vivit" - "Christ Lives" - encourages us to be united with Christ in order to be happy and saintly.

The Mdina Pastoral Council suggested that during the homilies of the five Sundays of Lent we should tackle this theme.

| | |
|---|---|
| First Sunday: | Together with Jesus in the desert, to make a choice like that of Jesus. |
| Second Sunday: | Together with Jesus on Mount Tabor to hear God the Father's words: "Listen to Him". |
| Third Sunday: | Beside the well with Jesus, to discover Him as the water that quenches out thirst. |
| Fourth Sunday: | To profess faith in Jesus as the blind man did. |
| Fifth Sunday: | To live in friendship with Jesus as in Betania with Lazarus' family. |
| Palm Sunday: | Awake and follow Him, in union with each other in love. |

Today's era offers several different possibilities, which the world presents them as valid and good. But we should know the signs of God and not become puppets in the hands of fashionable trends.

May Lent time help us, each one of us, to be what the Pope often likes to say: "Christian be what you are!"

Regards and Prayers,
**Mgr. Anthony Cassar**
Archpriest

# NOTICES

**The Sacrament of Reconciliation at the Cathedral**

The Sacrament of Reconciliation is celebrated normally in the first sacristy.

- During the weekdays before the celebration of 9.00am Mass and 6.00pm Mass. On Sundays and Feast days before the 9.30am Mass and from 10.15am up to 11.30am. In the evening from 5.00pm to 6.00pm.
- On Saturdays evening from 4.30pm till 6.00pm.

**Silent Adoration of the Blessed Sacrament at the Sacrament Chapel.**

- Every Friday from 4.15pm till 6.00pm.
- Rosary every day at 5.30pm.

## FIRST HOLY COMMUNION AND THE SACRAMENT OF CONFIRMATION AT THE CATHEDRAL

Parents, whose children will be receiving the above Sacraments at the Cathedral Parish in Mdina are to register their children during the month of April 2020 at the Parish Office.

**First Holy Communion**
Is going to be held on Saturday, 13th June 2020 at 6.00pm.

**Confirmation**
Is going to be held on Saturday, 4th July 2020 at 6.00pm.

**Jesus**

by his way of life
by his works
by his words
has shown WHO and WHY
he is GOD.
God is Love.

His omnipotence and his infinite perfection brought creation into being and maintain it.



**Jesus**

by his way of life
by his works
by his words
has shown WHO and WHY
he is called
MAN.
A gratuitous and fertile love.

To live is nothing else,
but to learn how to love.

The Gospels show most clearly the path we are to follow in Christ's footsteps. He commands "Do the same, as I have done". At the end of our living here on earth, only one thing counts; *How we have treated and loved one another*. This account of how we behaved will be asked of us when we are summoned by God at the end.

## 24 HOURS WITH THE LORD

The initiative proposed by Pope Francis **24 hours with the Lord** is going to be held again this year. It is a call to celebrate the sacrament of Reconciliation within the Eucharistic Adoration.

It will be held from **Friday, 27th March 2020 till Saturday, 28th March 2020.** *Psalm* 130:4 *"There is forgiveness with you"*. This activity will give a good opportunity as a preparation for Holy Week.

The Metropolitan Cathedral at Mdina will remain open from **Friday, 6.30pm up to Saturday 9.00am** to offer the possibility of prayer, adoration, and the sacrament of Reconciliation (Confession). Priests at this time will be available.



## COUPLE'S MEETING

**When:** Saturday, 21st March 2020

**Time:** from 7.00pm to 9.30pm

**Where:** St. Benedict's Hall (Monastery of the cloistered nuns)

**Conducted:** Mgr. Anton Gouder

The meeting includes a Mass and will finish with a pizza.

Rev. Archpriest together with the Metropolitan Chapter augurs a spiritual and fruitful Easter to Mdina residents, and all those who frequent and make use of Cathedral liturgical services, all the year round.

# HOLY WEEK PROGRAMME AT
# MDINA METROPOLITAN CATHEDRAL OF ST. PAUL







**Our Lady of Sorrows, Friday, 3rd April 2020**

9.00am Sacrament of the anointing of the sick within the Mass.

6.00pm Mass.

**Palm Sunday, 5th April 2020**

9.30am The congregation assembles at St. Benedict's Monastery Church in Villegaigon street, where the blessing of palms and olive branches will be held. Mgr. Charles J. Scicluna, the Archbishop of Malta will conduct the ceremony and lead the procession towards the Cathedral, where Mass will be said together with the Metropolitan Chapter.

11.15am Mass.

6.00pm Mass.

**Maundy Thursday, 9th April 2020**

6.30pm A concelebrated Mass by the Cathedral Chapter with the ritual of washing of feet and a procession to the Altar of Repose at the end of Mass.

8.00pm Adoration starts at the Altar of repose.

10.30pm An hour of adoration organised by the Parish. *(Open to all)*

**Good Friday, 10th April 2020 *(Abstinence and Fasting)***

8.30am In front of the altar of repose, the reciting of the breviary together with the members of the Chapter. Priests will be present to hear confessions from 9.00am till 11.30am.

3.30pm A solemn remembrance of the death of Christ. Readings from the Gospel according to St. John about the passion of Christ. Adoration of the Cross and Eucharist.

**Holy Saturday, 11th April 2020**

8.30am Reciting of the Liturgical prayer together with the Chapter.

8.00pm Celebration of Easter Vigil - blessing of fire, the singing of the Easter song *Exultet* and paschal candle, the story of salvation in 9 biblical readings from Old and New Testament, the blessing of water and renewal of Baptismal vows, liturgy of the Eucharist.

**Easter Sunday, 12th April 2020**

8.50am Lauds

9.30am A concelebrated Mass by the Chapter.

11.00am Mass.

6.00pm Mass.



Nru. 13 - Marzu 2020

# PARROĊĊA MDINA

**Katidral Metropolitan ta' San Pawl**

4/5, Pjazza San Pawl, Mdina MDN 1100, Malta.
Uffiċju Tel: 2145 6620 • Katidral Tel: 2145 4136
Email: parrocca.mdina@maltadiocese.org

## "NISRANI KUN DAK LI INT!"

L-Isqfijiet fl-ittra Pastorali qalulna li ż-żjara tal-Papa Franġisku fostna hi grazzja kbira li tgħinna nissaħħu fil-fidi fi Kristu ħaj. Bdejna r-Randan bi tħejjija tal-Għid Imqaddes. Hu l-għid li daħal darba għal dejjem fil-ħajja tal-bnedmin. Hu t-tama li toffri l-umanità viżjoni w orizzonti ġodda. Ma hix festa li kull sena sseħħ fil-kalendarju. Iżda jkompli jsejħilna għall-ħajja, anke fiż-żminijiet li jidhru mudlama.

Papa Franġisku fl-Eżortazzjoni Appostolika wara s-Sinodu "Christus Vivit" jeżortana biex inkunu magħqudin ma' Kristu biex nikbru fil-ferħ u l-qdusija.

Il-Kunsill Pastorali Parrokkjali tal-Imdina jissuġġerixxi li tul il-Ħames Ħdud tar-Randan fl-omeliji nirriflettu fuq din it-tema.

| | |
|---|---|
| L-Ewwel Ħadd: | Fid-deżert ma' Ġesù nagħżlu bħal ma għażel hu. |
| It-Tieni Ħadd: | Fuq il-muntanja Tabor ma' Ġesù "Isimgħu lilu". |
| It-Tielet Ħadd: | Ma' ġenb il-bir ma' Ġesù niskopru bħalu l-ilma li jaqta' l-għatx. |
| Ir-Raba' Ħadd: | Bħal l-agħma nemmen fih. |
| Il-Ħames Ħadd: | F'Betanja ngħixu fi ħbiberija ma' Ġesù u f'Ħadd il-Palm inqumu u nimxu warajh magħqudin ngħixu l-imħabba. |

Il-ħajja tal-lum toffri diversi possibiltajiet u d-dinja tippreżentahom bħallikieku kienu kollha validi u tajbin. Aħna rridu nagħrfu s-sinjali ta' Alla u mhux insiru pupazzi f'idejn it-tendenzi taż-żmien.

J'Alla dan iż-żmien tar-Randan ikun żmien fejn kull wieħed u waħda minna jkun dak li jħobb jgħid il-Papa: "Nisrani kun dak li int."

Tislijiet u Talb,
**Mons. Anthony Cassar**
Arċipriet

# AVVIŻI

**Qrar fil-Katidral tal-Imdina**

Is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni jsir fis-Sagristija ta' barra.

- Qabel kull Quddiesa fil-ġranet ferjali qabel tad-9.00am u qabel tas-6.00pm.
  Fil-Ħdud u festi filgħodu qabel tad-9.30am u mill-10.15am sal-11.30am.
  Filgħaxija mill-5.00pm sas-6.00pm.
- Is-Sibt mill-4.30pm sas-6.00pm.

**Adorazzjoni fil-Kappella tas-Ssmu Sagrament fis-Skiet**

- Kull nhar ta' Ġimgħa mill-4.15pm sas-6.00pm.
- Rużarju kuljum fil-5.30pm.

## ID-DATI TAL-EWWEL TQARBINA U S-SAGRAMENT TAL-GRIŻMA TAL-ISQOF

Dawk il-ġenituri li jixtiequ li uliedom jirċievu s-Sagramenti fil-Parroċċa tal-Katidral tal-Imdina, huma mitluba biex matul ix-xahar t'April 2020 jiktbu lil uliedhom fl-Uffiċċju Parrokkjali.

Id-dati huma:

**L-Ewwel Tqarbina:** s-Sibt, 13 ta' Ġunju 2020 fis-6.00pm

**Il-Griżma tal-Isqof:** is-Sibt, 4 ta' Lulju 2020 fis-6.00pm

**Ġesù**

Bl-istil tal-ħajja tiegħu
Bil-ħidmiet tiegħu
U bi kliemu
Wriena min Hu u Xinhu;
ALLA.
ALLA HU MĦABBA

(F'dan il-kuntest tidher l-omnipotenza u l-perfezzjoni infinita. Min hawn inħolqot il-kreazzjoni, u jieħu ħsiebha.)



**Ġesù**

Bl-istil tal-ħajja tiegħu
Bil-ħidmiet tiegħu
U bi kliemu
Wriena min Hu u Xinhu;
dak li hu msejjah Bniedem.
Imħabba libera u fekonda.

(Li tgħix mhix għajr li titgħallem tħobb.)

Il-Vanġeli juruna b'mod ċar it-triq li rridu naqbdu biex nimxu fuq il-passsi ta' ĠESÙ.
Fit-tmiem ta' ħajjitna lkoll inkunu msejħa quddiem Alla u nagħtu kont ta' ħaġa waħda:
*kif ħabbejna u ġibna ruħna mal-oħrajn.*

## 24 SIEGĦA GĦALL-MULEJ

Għar-raba' darba ser tiġi organizzata l-inizjattiva ta' **24 siegħa għall-Mulej**, li tistidinna niċċelebraw is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjni f'kuntest ta' Adorazzjoni Ewkaristika.

Din se tinżamm **il-Ġimgħa 27 u s-Sibt 28 ta' Marzu 2020** imnebbħa mill-kelmiet tas-Salm 130:4 *"Għandek hemm il-maħfra"*. Din lattività se tkun okkażjoni tajba bi tħejjija għall-Ġimgħa Mqaddsa.

Il-Katidral Metropolitan ta' San Pawl ġewwa l-Imdina se jibqa' miftuħ **mill-Ġimgħa mis-6.30pm sas-Sibt fid-9.00am** biex joffri l-possibilità tat-talb, ta' adorazzjoni, u tal-Qrar sagramentali. Matul dan il-ħin ser ikun hemm diversi saċerdoti għas-sagrament tal-qrar.



## LAQGĦA GĦALL-KOPPJI

**Meta:** Is-Sibt, 21 ta' Marzu 2020

**Ħin:** Mis-7.00pm sad-9.30pm

**Fejn:** St. Benedict's Hall (Monasteru tas-sorijiet tal-klawsura)

**Imexxi l-laqgħa:** Mons. Anton Gouder

Ikun hemm quddiesa u wara pizza.

L-Arċipriet flimkien mal-Kapitlu Metropolitan
jawgura l-Għid Qaddis lill-membri tal-Komunità tal-Imdina
u lil dawk kollha li jiffrekwentaw u jagħmlu użu
mis-servizzi liturġiċi tal-Katidral matul is-sena.

# FUNZJONIJIET TAL-ĠIMGĦA MQADDSA
# FIL-KATIDRAL TAL-IMDINA







**Id-Duluri tal-Madonna, l-Ġimgħa, 3 t'April 2020**

Fid-9.00am Quddiesa bis-Sagrament tad-Dilka tal-Morda.
Fis-6.00pm Quddiesa tal-ħin.

**Ħadd il-Palm, 5 t'April 2020**

Fid-9.30am Tberik tal-friegħi tal-palm u taż-żebbuġ fil-knisja ta' San Benedittu, purċissjoni għall-Katidral u Konċelebrazzjoni mmexxija min Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna bil-qari tal-Passjoni skont San Mattew.
Fil-11.15am Quddiesa tal-ħin.
Fis-6.00pm Quddiesa tal-ħin.

**Ħamis ix-Xirka, 9 t'April 2020**

Fis-6.30pm Konċelebrazzjoni bil-ħasil tar-riġlejn u purċissjoni bis-Sagrament għall-Artal tar-Repożizzjoni.
Fit-8.00pm Jibdew il-Viżti.
Fl-10.30pm Siegħa Adorazzjoni organizzata mill-Parroċċa. *(Miftuħa għall-kullħadd)*

**Il-Ġimgħa l-Kbira, 10 t'April 2020 *(sawm u astinenza)***

Fit-8.30am Liturġija tas-Sigħat quddiem l-Artal tar-Repożizzjoni. Is-saċerdoti se jkunu preżenti għal-qrar mid-9.00am sal-11.30am.
Fit-3.30pm Tifkira solenni tal-mewt ta' Ġesù bil-qari tal-Passjoni skont San Ġwann, bl-adorazzjoni tas-Salib u bit-tqarbin.

**Is-Sibt Imqaddes tal-Għid, 11 t'April 2020**

Fit-8.30am Liturġija tas-Sigħat.
Fit-8.00pm Ċelebrazzjoni tal-Vġili tal-Għid bit-tberik tan-nar u t-tħabbira tal-Għid, il-qari ta' Disa' lezzjonijiet, it-tberik tal-ilma u t-tiġdid tal-wegħdiet tal-Magħmudija u Liturġija Ewkaristika.

**Ħadd il-Għid,**
**Tal-Qawmien tal-Mulej mill-Imwied, 12 t'April 2020**

Fid-8.50am Lawdi kantati u Terza.
Fid-9.30am Konċelebrazzjoni mill-Kapitolu Metropolitan.
Fil-11.00am Quddiesa tal-ħin.
Fis-6.00pm Quddiesa tal-ħin.